# San Nikola fil-poeżija ta' P. ĠUŻEPPI DELIA S.J.

Minn Geoffrey G. Attard



Wara l-Verġni Marija Santissima Omm Alla, u wara Sant'Antnin ta' Padova, instab li San Nikola ta' Bari huwa l-iżjed qaddis meqjum madwar id-dinja. Fil-fatt id-devozzjoni lejh għadha ħajja anke llum u f'Malta l-qima lejn il-kbir Isqof waslet ukoll u xhieda ħajja ta' dan hu t-tempju monumentali dedikat lilu fis-Siġġiewi. Is-Siġgiwin li għal qalbhom għandhom lil dan il-qaddis missier u Patrun Ħarries tal-post, iħobbuh b'imħabba kbira.

Is-Siġġiewi u San Nikola sar ħaġa waħda u ma jifridhom la ż-żmien u lanqas il-qawwa li tista' forsi titnissel b'ħidma tal-prinċep tad-dlamijiet. Ir-rabta ta' bejniethom hija xi ħaġa kbira. Għalhekk ma jistax jonqos li poeta iben is-Siġġiewi ma jiktibx poeżiji mill-isbaħ lil dan il-qaddis kbir tal-knisja. Fil-fatt il-poeta Ġiżwita Ġużeppi Delia kiteb għadd sabiħ ta' poeżiji li fihom ittratta lil San Nikola. Nibda biex nirreferi għall-Innu lil San Nikola ta' Bari li jifforma l-isbaħ poeżija li l-poeta kiteb lill-qaddis Patrun ta' belt twelidu. hawnhekk għandna innu ħiereġ mill-qalb tassew li jirrifletti mhux biss l-imħabba tal-poeta lejn il-qaddis imma l-imħabba tal-poplu tas-Siġġiewi lejn il-Patrun tagħhom ilkoll. Il-poeżija tibda hekk:

"Missier tagħna, għażiż Nikola
Fl-art fis-sema qaddis kbir,
Ġieħ u qima ntuk irridu
Ghax jistħoqqlok kull tifħir.

Inti l-Anġlu ta' ħajjitna
Inti d-dawl u l-qawwa tagħna
Fit-tiġrib li jdallam fuqna
inti dejjem waqaft magħna."

Hija din poeżija-innu mill-isbaħ; damma ħierġa mill-qalb, li tassew hi xhieda tal-kult eżistenti u anke tal-ġibda ta' l-għaġeb kif ukoll tar-rabta singulari u dejjiema tas-Siġġiwin lejn il-Patrun għażiż. Fil-poeżija għandna wkoll taghrif bijografiku dwar il-ħajja tal-qaddis San Nikola.

Naraw li Nikola kien ħabib tal-fqar, għajnuna ta' l-imsejkna u anke difensur tal-batuti. Dawn kollha juru l-qdusija kbira ta' San Nikola. Il-poeta jagħmel invokazzjoni lil San Nikola u jitolbu garanzija tal-ħarsien

# Tifħir lil San Nikola fil-Poeżija

qaddis tiegħu mis-sema fuq il-poplu tiegħu maħbub. Nikola kien il-qaddis magħżul minn Alla biex permezz tiegħu jerġa' jfakkarna fil-qawwa tiegħu li dehret fuq l-art permezz ta' Kristu, l-Iben tiegħu. Nikola mela huwa t-Tawmaturgu li jfejjaq u jagħmel il-mirakli bil-qawwa t'Alla.

Poeżija oħra xejn inqas sabiħa li harġet mill-qalb tal-poeta Delia hija "Tifħir lil San Nikola". Għal darb' oħra naraw il-kobor tal-qaddis ippersonifikat. Juri l-imħabba tiegħu lejh kif ukoll jurih li qatt ma jinsieh, hu li hu l-Patrun ta' raħal twelidu, is-Siġġiewi;

"Inħobbok f'nofs ix-xitwa bil-ksieħ tiegħek
Jum hieni mbierek ta'Diċembru ħlejju
Iktar inħobbok mill-jiem safja, mżejna
bix-xemx ta' Mejju!

Qatt le ma nsejtek, għalkemm fuqi gerrbu
Bit-taqlib tagħhom ħafna snin u ġrajja
Dejjem bqajt f'qalbi, jum ta' sliem, ta' barka,
l-egħżeż f'dil-ħajja!

Dejjem stennejtek, dejje, ħlomtok jiena
u xtaqtek tisbaħ mżejjen kollok dija
Qatt it-tifkira tiegħek, qatt minn moħħi
ma ntfiet ġo fija!"

Il-poeta kontinwament juri mħabbtu lejn San Nikola u jitkellem miegħu bħallikieku qed jitkellem ma' ħabib tal-qalb; kollokju sabiħ li jikxef il-qiegħ ta' qalb il-poeta. Delia jinqeda bil-poeżija, u għaliex huwa ġenwin fil-poeżija u oriġinali fil-versi tiegħu, għandu l-kapaċità li jesprimi sewwa lilu nnifsu b'tali mod li jurina li dak li qiegħed jikteb, jiktbu ghax iħossu.

Poeżija oħra sabiħa dwar San Nikola hija dik li ġġib l-isem "L-Għanja ta' Qalbi lil Nikola". Għal darba ohra naraw lil Delia fil-qofol tal-poeżija tiegħu ifaħħar u jgħanni għana ħlejju lil kbir qaddis tiegħu. Il-poeżija għalih żgur li hija l-aħjar mod kif għandu jesprimi ruħu imħabbtu kbira;

"Nixtieq kieku kelli ta' l-anġli tas-sema
Il-qawwa u l-ħlewwa u l-benna tal-kliem
Biex lilek Nikola, f'dal-jum li hu tiegħek
Ninsiġlek din l-għanja ta' ġieħ u ta' sliem.

Kull sena din l-għanja weħidha tfur fija
Kif jixref Diċembru fuq wiċċ is-smewiet
bħal warda li tbexxaq, li tiftaħ, li tfewwaħ
Fid-dħul tar-Rebbiegħa mal-ewwel żiffiet."

Mela l-poeta jurina li lil San Nikola jħobbu u jiftakar fih bla ma jrid għax waħidha titnissel fih u toħroġ waħidha l-għanja lil dan il-Patrun għażiż u qaddis. Juri wkoll kif minkejja li s-snin għaddew bil-bosta u ż-żmien għadd iħaffef, l-għanja ġo fih qatt ma siktet. San Nikola jokkupa post prominenti f'qalb il-poeta.

Poeżija oħra jisimha "L-Għanja tat-tfal lil Nikol Imqaddes". Ta' min hawnhekk isemmi li San Nikola huwa wkoll patrun tat-tfal. F'din l-għanja b'versi mexxejja għandna għall-darba oħra l-espressjoni tat-tfal Siġġiwin lejn il-Qaddis maħbub tagħhom.

"U mal-ward li jrid ifisser
Ta' mħabbitna għalik in-nar
It-talb tagħna rridu ninsġu
Bi dmugħ qalbna kollha mrar."

San Nikola huwa l-Patrun ta' bosta, fosthom it-tfal li tant kienu għeżież għalih. Huwa wkoll Patrun tal-għarajjes u anke ta' bosta pajjiżi u istituzzjonijiet. Nikola huwa l-qaddis ideali tad-dinja Nisranija; il-qaddis popolari meqjum minn kulħadd, Patrun ta' bosta.

*Riferenza:*
*"Meta Toħlom il-Qalb", Ġużeppi Delia SJ*